# QORTI KOSTITUZZJONALI

**IMĦALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF SILVIO CAMILLERI**
**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**ONOR. IMĦALLEF NOEL CUSCHIERI**

**Seduta ta' nhar il-Ġimgħa 30 ta' Settembru 2016**

**Numru 9**

**Rikors kostituzzjonali numru 25/2016**

**Angelo Xuereb, Claire Zammit u Denise Xuereb,**
**u *Suncrest Hotels p.l.c. (C 8643)***

***v.***

**Avukat Ġenerali; u b'dikriet tas-26 ta' April 2016**
**ġew awtorizzati jintervjenu *in statu et terminis***
**il-kumpannija *EZ Limited*, (C 45555)**
**Marianne Bezzina u Felix Mifsud**

1. Dan huwa appell tal-atturi minn dikriet mogħti fl-14 ta' April 2016 mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali li bih ġiet miċħuda talba tagħhom biex il-qorti tordna soprasessjoni ta' proċeduri quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Il-fatti relevanti huma dawn:

2. Is-soċjetà attriċi *Suncrest Hotels p.l.c.* [“*Suncrest*”] tikri immobbli lis-soċjetà intervenuta fil-kawża *EZ Ltd* [“*EZ*”]. *Suncrest* fetħet proċeduri ta’ arbitraġġ biex titlob l-iżgumbrament ta’ *EZ* u b’rikonvenzjoni *EZ* talbet il-ħlas ta’ danni talli *Suncrest* qatgħet is-servizz tal-elettriku fil-fond mikri. L-atturi Angelo Xuereb, Claire Zammit u Denise Xuereb, diretturi ta’ *Suncrest*, tressqu wkoll quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) mixlija b’eżerċizzju arbitrarju ta’ pretensjonijiet (*ragion fattasi*) talli qatgħu is-servizz tal-elettriku.

3. Waqt is-smigħ tal-kawża penali, l-atturi hemm imputati talbu lill-Qorti tal-Maġistrati tissoprassjedi sakemm tinqata’ l-kwistjoni ċivili fl-arbitraġġ. B’dikriet tal-1 ta’ Frar 2016 il-Qorti tal-Maġistrati ċaħdet it-talba għal soprasessjoni. Billi dehrilhom li dan kien biksur tad-drittijiet fondamentali tagħhom taħt l-art. 39 tal-Kostituzzjoni ta’ Malta [“il-Kostituzzjoni”] u l-art. 6 tal-Konvenzjoni għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fondamentali [“il-Konvenzjoni”], l-atturi fetħu din il-kawża tallum b’talba biex il-Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, fil-kompetenza kostituzzjonali, wara li tiddikjara li nkisru d-drittijiet tal-atturi, tħassar id-dikriet tal-1 ta’ Frar 2016 u tordna s-soprasessjoni tal-kawża quddiem il-Qorti tal-Maġistrati.

4. B’rikors tal-14 ta’ Marzu 2016 fl-atti tal-kawża kostituzzjonali, l-atturi talbu illi l-ewwel qorti “tidderieġi lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja, fil-kawża fl-ismijiet <u>Il-Pulizija *v.* Angelo Xuereb, Claire Zammit u Denise Xuereb</u>, tissoprassjedi s-smigħ ta’ dik il-kawża sakemm l-eżitu ta’ din il-kawża kostituzzjonali jkun eżawrit jew tagħti

direttivi xort'oħra, u dan taħt dawk il-provvedimenti li jidhrilha li huma xierqa u opportuni".

5. Bid-dikriet tal-14 ta' April 2016 li minnu sar dan l-appell, l-ewwel qorti ċaħdet it-talba għal raġunijiet li fissrithom hekk:

> »Il-qorti tqis illi bit-talba li qegħdin jagħmlu r-rikorrenti fir-rikors tagħhom tal-14 ta' Marzu 2016 qegħdin fis-sostanza jitolbu lill-qorti sabiex b'*interim order* tordna lill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja sabiex din tissaprassjedi fis-smigħ tal-kawza fl-ismijiet <u>Il-Pulizija *v.* Angelo Xuereb *et*</u> sakemm tkun deċiża l-kawża odjerna.
>
> »Għall-fini tal-provvediment tal-lum, il-qorti sejra tqis in-natura ta' miżuri tax-xorta li r-rikorrenti qegħdin jitolbu minnha, kif mifhuma fil-kuntest tal-Konvenzjoni Ewropea għall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali ("il-Konvenzjoni").
>
> »Skond *Rule 39* tar-*Rules of Court* li huma applikati fil-kuntest tal-Konvenzjoni, il-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem (l-*ECHR*) għandha s-setgħa li tagħti *interim measures* lil kull Stat li huwa parti fil-Konvenzjoni.
>
> »Skond il-ġurisprudenza tal-*ECHR*, l-*interim measures* huma miżuri urġenti li jiġu applikati biss *where there is an imminent risk of irreparable harm*.
>
> »Fil-biċċa l-kbira, dawn ikunu każi fejn ir-rikorrent jitlob is-sospensjoni ta' espulsjoni jew ta' estradizzjoni minn Stat membru tal-Konvenzjoni. L-*ECHR* tilqa talbiet ta' din ix-xorta fuq bażi eċċezzjonali. Skond il-prassi tal-*ECHR*, kull rikjesta għal *interim measure* tiġi trattata fuq bażi individwali u ta' prijorità. Ma hemmx appell minn rifjut ta' *interim measure*. Lanqas ma hemm xi jżomm lill-*ECHR* milli tirtira l-*interim measure*.
>
> »Abbażi tal-ġurisprudenza tal-*ECHR*, *Rule 39* ma tiġix applikati fil-każi ta' talbiet għal demolizzjoni imminenti ta' bini, għal dikjarazzjonijiet imminenti ta' insolvenza, għall-infurzar tal-obbligu tas-servizz militari, għal talbiet … ta' rilaxx ta' persuni mill-priġunerija fil-pendenza ta' kontestazzjoni dwar *the fairness of the proceedings*.
>
> »… … …
>
> »Attenta sabiex bl-ebda mod ma tidħol fil-qofol tal-kwistjoni li wasslet lir-rikorrenti sabiex iressqu l-ilment mertu tal-proċediment kostituzzjon-ali u konvenzjonali, u abbażi tal-prinċipji hekk kif applikati fil-kuntest tal-Konvenzjoni, din il-qorti mhijiex tara li fil-każ tal-lum huwa meħtieġ l-intervent tagħha bl-għoti ta' provvediment kif rikjest mir-rikorrenti.
>
> »Għalhekk il-qorti qiegħda tiċħad it-talba tar-rikorrenti kif dedotta flr-rikors tagħhom tal-14 ta' Marzu 2016.
>
> »L-ispejjeż jibqgħu riservati għall-ġudizzju finali.«

6. L-atturi appellaw minn dan il-provvediment b'rikors tal-25 ta' April 2016 li għalih wieġeb l-Avukat Ġenerali fis-6 ta' Mejju 2016 u wieġbu wkoll l-intervenuti fil-kawża fit-13 ta' Mejju 2016.

7. L-aggravju tal-atturi ġie mfisser hekk:

> »… inħasset il-ħtiega illi jsir l-appell f'dan l-istadju tal-proċeduri għaliex bil konsegwenza tad-deklin tal-ewwel qorti li tintervjeni f'dan l-istadju, allura ifisser illi hemm riskju reali illi l-proċeduri kriminali jkomplu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati u potenzjalment jintilef l- iskop u effett ta' din il-proċedura. F'din il-proċedura kostituzzjonali qed jiġu ventilati argumenti serji, li xi darba kellhom iqumu, dwar il-leġittimità ta' proċeduri kriminali meta hemm vertenza ċivili li trid tiddetermina l-pussess jew in-nuqqas ta' *causa detentionis* jew it-titolu.
>
> »Illi l-esponenti jerġa' jagħmel il-punt illi jekk fi proċedura ta' *ragion fattasi*, il *pretended right* qed jiġi kontestat ċivilment, kif tista' qorti kriminali tgħaddi ġudizzju. X'jiġri jekk tinstab il-ħtija u ċivilment wara jirriżulta li nstab titolu? Kollox null? Danni kontra l-istat jew ir-Reġistratur tal-Qorti?
>
> »Illi huwa saput illi l-proċeduri kriminali u ċivili huma indipedenti: meta però l-proċeduri kriminali huma dipendenti fuq u kontinġenti fuq determinazzjoni ċivili, il-loġika u l-għaqal jimplika illi l-qorti kriminali għandha tistenna l-eżitu ċivili. Jekk jirriżulta illi t-terminazzjoni kontestata kienet valida u legali, mhijiex rilevanti din il-konsiderazzjoni *ai fini* ta' *ragion fattasi* ?
>
> »Illi hemm l-aspett l-ieħor magħruf tal-oneru tal-prova. Jekk il-pre-messa ta' dritt hija kontestata, kif tista tikompli l-kawża kriminali? Il-provvediment appellat jirriskja jikkomprometti anke l-proċeduri prinċipali fil-mertu, għaliex jirrendihom potenzjalment inutli. Jekk il-mertu qed jimpunja digriet tal-qorti kriminali li ċaħdet is-soprasessjoni, il-qorti ċivili bin-nuqqas tagħha li tintervjeni, kompliet potenzjalment din il-vjolazzjoni;
>
> »Illi in bażi għal dan kollu, l-esponenti jissottometti illi din l-onorabbli Qorti Kostituzzjonali għandha tqis il-punt tal-irremedjabilità tar-rimedju u l-importanza (apparti l-kuntest tal-partijiet) tal-punt legali sollevat u tordna s-soprasessjoni.«

8. Il-qorti tibda billi tgħid illi mhux neċessarjament taqbel mal-ewwel qorti illi l-kriterji ta' kif u meta qorti ta' kompetenza kostituzzjonali tagħti rimedji provviżorji jew interlokutorji għandhom ikunu l-istess kriterji li jirregolaw l-għoti ta' *interim measures* mill-Qorti Ewropea tad-Drittijiet

tal-Bniedem għax is-setgħat ta' qorti internazzjonali u dawk ta' qorti domestika fuq l-organi domestici tal-Istat.

9. Dan ma jfissirx illi l-konklużjoni tal-ewwel qorti kienet żbaljata, għalkemm il-konsiderazzjonijiet li jwasslu lil din il-qorti biex tiċħad l-appell u tikkonferma d-dikriet appellat huma differenti.

10. Din il-qorti fil-fatt tqis ir-rikors tal-atturi għal ordni ta' soprasessjoni u l-appell mid-dikriet li ċaħad it-talba bħala għalkollox frivoli u maħsuba biex jarenaw il-proċeduri kriminali kontriehom.

11. Ir-raġuni hi illi għall-għanijiet tal-art. 85 tal-Kodiċi Kriminali ("eżerċizzju arbitrarju ta' pretensjonijiet") li taħtu ġew mixlija l-atturi, huwa indifferenti jekk il-jedd pretiż huwiex fondat jew le. L-iskop tal-liġi hu l-ħarsien tal-ordni pubbliku billi min jippretendi li għandu jedd ifittex il-ħarsien ta' dak il-jedd b'mezzi legali (*vie di diritto*) u mhux billi jieħu l-liġi f'idejh (*vie di fatto*). Ukoll jekk min jippretendi li għandu dritt tassew ikollu d-dritt minnu pretiż, xorta għandu jinqeda bil-mezzi legali biex jikseb il-ħarsien ta' dak il-jedd u jekk, minflok, jieħu l-liġi b'idejh, xorta jkun ħati ta' eżerċizzju arbitrarju.

12. Il-qorti ma hi b'ebda mod tgħid illi l-qtugħ tal-elettriku huwa eżerċizzju arbitrarju ta dritt – dik hija kwistjoni mħollija għad-deċiżjoni tal-qorti ta' ġurisdizzjoni kriminali; qiegħda tgħid biss illi huwa indifferenti għall-iskop ta' dik id-deċiżjoni jekk l-atturi kellhomx jew le dak id-dritt, u għalhekk ikun inutli li l-proċeduri kriminali jieqfu jistennew id-deċiżjoni ċivili dwar id-dritt tal-atturi.

13. Il-qorti għalhekk tiċħad l-appell u, għalkemm għal raġunijiet differenti, tikkonferma d-dikriet li minnu sar dan l-appell.

14. L-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, iħallsuhom l-atturi.

| | | |
|---|---|---|
| Silvio Camilleri<br>President | Giannino Caruana Demajo<br>Imħallef | Noel Cuschieri<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
df